# ID-DAWL

OTTUBRU 2021 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 46

"Il-Mulej sema' talbhom, u qal, 'M'iniex se nħalli x-xogħol ta' kull wieħed minnkom, ikunx raġel jew mara, li jintilef.'"



In-Nisa fl-Iżlam | L-Ugwaljanza | Id-Divorzju | Iż-Żwieġ

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# TIĠĠUDIKAX KTIEB MILL-QOXRA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Meta naqraw gazzetti u ġurnali li qed jiġu ppubblikati madwar id-dinja nsibu li ħafna drabi l-Iżlam bħala reliġjon qed jiġi mmirat bħala reliġjon tal-imgħoddi li ċċaħħad lin-nisa mid-drittijiet bażiċi tagħhom. Il-mistoqsija hi, dawn il-kittieba qatt qraw it-tagħlim Iżlamiku, jew iċċekkjaw it-tagħrif jew l-opinjonijiet tagħhom bis-sorsi bażiċi tat-tagħlim Iżlamiku – il-Koran Imqaddes u l-prattiki tal-Qaddis Profeta Muħammad[saw]? Il-ġustizzja vera teħtieġ li m'għandniex niġġudikaw il-ktieb mill-qoxra tiegħu, imma rridu nħarsu lejh, irridu naqraw il-ktieb fid-dettalji, fil-kuntest veru tiegħu, biex nifhmu l-filosofija u r-raġuni wara tagħlim bħal dan.

Għalhekk, nixtieq nissuġġerixxi umilment lill-qarrejja tagħna li qabel ma niffurmaw xi opinjoni, huwa rrakkomandat li naqraw il-Koran Imqaddes u l-ħajja tal-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[saw], biex nifhmu t-tagħlim veru tal-Iżlam. Biex insibu tagħlim Iżlamiku dwar in-nisa, u biex insibu kif in-nisa huma trattati fl-Iżlam.

F'din l-edizzjoni u ta' Novembru se niddiskutu s-suġġett tad-drittijiet tan-nisa, u qed nippreżentaw tweġibiet għal uħud mill-mistoqsijiet importanti dwar "in-nisa fl-Iżlam".

## ID-DAWL

Ottubru 2021 – Numru 46 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | Tel: 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Women in Islam | 03 |
| Equality | 04 |
| Testimony of women | 05 |
| Divorce | 06 |
| Marriage | 07 |
| Veil | 08 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Aisylu Ahmadieva | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IN-NISA FL-IŻLAM




Fiż-żminijiet tal-lum, insibu li tingħata importanza kbira lid-drittijiet tan-nisa. Ħafna għaqdiet jaħdmu għad-drittijiet tan-nisa kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell internazzjonali; tnedew liġijiet ġodda, u konferenzi u kampanji għal aktar għarfien jinżammu fuq bażi regolari.

Bl-istess mod, insibu li r-reliġjon, partikolarment l-Iżlam, hija meqjusa b'mod falz bħala oppressur tan-nisa li ma jħarisx id-drittijiet tagħhom. Minħabba f'hekk, issir ħafna kritika inġusta kontra t-tagħlim Iżlamiku, u bi ftit eżempji ta' stejjer ta' nisa Musulmani, l-Iżlam bħala reliġjon ma jiġix mifhum u jidher li jittratta n-nisa inġustament. Dawn il-fehmiet żbaljati jinbtu minħabba li t-tagħlim veru tal-Iżlam ma jiġix mifhum sewwa jew jgħawġu t-tifsir tiegħu.

Fil-verità, l-Iżlam mingħajr riservi ssodisfa u pproteġa d-drittijiet tan-nisa fis-sitwazzjonijiet u l-postijiet kollha. Il-persuna li l-aktar li ħares id-drittijiet tan-nisa huwa l-fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu.

Reċentement, xi ħadd semma t-taħbil li għandu dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-Iżlam u talab lill-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Kap Dinji tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat, biex jiggwidah fuq xi wħud mill-kmandamenti Iżlamiċi. Il-Qdusija Tiegħu ta dawn it-tweġibiet għall-kwistjonijiet imqajma.

# L-UGWALJANZA

Id-diffikultajiet li inti semmejt fl-ittra tiegħek qamu minħabba n-nuqqas ta' għarfien dwar it-tagħlim Iżlamiku u n-natura umana. L-Iżlam qatt ma afferma li l-irġiel u n-nisa huma assolutament ugwali f'kull sens. Barra l-Iżlam, saħansitra n-natura umana tiċħad din l-idea li l-irġiel u n-nisa jiġu kunsidrati ugwali f'kull sens. Fil-verità, l-Iżlam jgħallem li bħalma Alla Gglorifikat jagħti l-barkiet u l-benedizzjonijiet lill-irġiel bħala riżultat tal-għemejjel tajba tagħhom, bl-istess mod Huwa jagħmel lin-nisa werrieta tal-barkiet u l-benedizzjonijiet Tiegħu. Għalhekk, Huwa jistqarr:

**"B'hekk il-Mulej sema' talbhom, u qal, 'M'iniex se nħalli x-xogħol ta' kull wieħed minnkom, ikunx raġel jew mara, li jintilef. Intom tiġu minn xulxin. Għaldaqstant, dawk li emigraw, u li tkeċċew minn djarhom, u ġew ippersegwitati minħabba Fija, u li ssieltu u li nqatlu, jiena żgur li naħfrilhom dnubiethom u nġagħalhom jidħlu fil-Ġonna mnejn jgħaddu x-xmajjar – premju mingħand Alla, għax ta' Alla huma l-aqwa premjijiet.'"** (Il-Koran, 3:196)



# IT-TESTIMONJANZA TAN-NISA

Dwar ix-xhieda tal-irġiel u tan-nisa, fi kwistjonijiet li jirrigwardaw lill-irġiel u mhumiex relatati direttament man-nisa, jekk l-irġiel maħtura biex jixhdu ma jkunux disponibbli, mela r-raġuni li jinħatru żewġ nisa flimkien ma' raġel tkun li l-kwistjonijiet ma jkunux direttament relatati man-nisa. B'hekk, jekk waħda tinsa d-dettalji tat-testimonjanza tagħha, l-oħra tkun tista' tfakkarhomlha.

Fi kliem ieħor, anki f'dan ix-xenarju, ix-xhieda proprja tkun ta' mara waħda biss. It-tieni mara tkun maħtura biss bħala miżura ta' prekawzjoni biex tfakkar lill-oħra jekk tinsa xi ħaġa għaliex il-kwistjonijiet ma jkunux jolqtu lilha direttament. Is-silta mill-Koran Imqaddes issostni dan l-arranġament. Għaldaqstant, Alla jgħid:

**"Intom li temmnu! Meta tissellfu mingħand xulxin għal perjodu fiss, mela iktbu kollox... U sejħu żewġ xhieda minn fost l-irġiel tagħkom; u jekk żewġt irġiel ma jkunux disponibbli, mela raġel u żewġ nisa, minn dawk li tixtiequ intom bħala xhieda, ħalli jekk waħda minnhom tfallilha l-memorja, l-oħra tkun tista' tfakkarha."** (Il-Koran, 2:283)



Vectorfusionart |Shutterstock

Dwar il-kwistjonijiet li huma direttament relatati man-nisa, huwa kkonfermat mill-*Hadith* (diskors) li l-Qaddis Profeta Muħammad[saw] issepara koppja miżżewġa fuq il-bażi ta' xhieda ta' waħda mara li stqarret li kkurat lit-tifel u lit-tifla fit-tfulija tagħhom. Hekk, Ħażrat Uqbah[ra] bin Harith jafferma li kien iżżewweġ lit-tifla ta' Abu Ihab bin Aziz. Aktar tard, mara resqet fuqu u qaltlu, "Jiena kkurajt lil Uqba u lill-mara li żżewweġ. (Għalhekk, huma aħwa fosterjati u ż-żwieġ tagħhom ma jgħoddx.)" Uqba qalilha, "Ma kontx naf li inti kkurajtni u lanqas infurmajtni minn qabel dwar dan." Imbagħad Uqbah rikeb iż-żiemel u mar ifittex lill-Messaġġier ta' Alla (il-Qaddis Profeta Muħammad[saw]) f'Medina; u staqsieh dwar il-kwistjoni (li nqalgħet). Il-Messaġġier ta' Alla[saw] qallu, "Kif tista' żżommha bħala martek meta ntqal [li hija oħtok iffosterjata]?" B'hekk, Uqba ddivorzjaha u hija żżewġet raġel ieħor. (*Sahih al-Bukhari, Kitab al-Ilm, Bab ar-Rihlati fil Mas'alah al-Nazilati wa Ta'lim-i-Ahlihi*)

# ID-DIVORZJU

M'hemm l-ebda differenza bejn it-*talaq* (divorzju mill-irġiel) u l-*khula* (divorzju min-nisa). Anzi, huwa favur l-Iżlam li mhux biss ta d-dritt lill-irġiel li jieħdu d-divorzju, iżda ta wkoll id-dritt in-nisa li jiksbu l-*khula*. L-irġiel u n-nisa ngħataw l-istess drittijiet f'dan il-qasam ukoll. Meta raġel jiddivorzja minn ma' martu, huwa obbligat li jagħtiha l-flejjes kollha dovuti lilha.

Barra minn hekk, ma jistax jieħu lura dawk il-flejjes li hu jkun taha qabel. Bl-istess mod, kull meta mara tikseb il-*khula*, mingħajr l-ebda ħtija min-naħa ta' żewġha, hija obbligata li tħallas lura xi flejjes bħall-flus tad-dota, eċċ. Madanakollu, jekk jinstab li l-mara qed takkwista l-*khula* minħabba xi ħtija min-naħa ta' żewġha, imbagħad il-mara tingħata l-benefiċċju addizzjonali taħt dawn iċ-ċirkostanzi li tibqa' sidt id-dota tagħha. Madankollu, id-deċiżjoni dwar dan tittieħed minn Dar-ul-Qaża (il-Bord tal-Arbitraġġ) wara li tkun saret investigazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha.

# KWISTJONIJIET RELATATI MAŻ-ŻWIEĠ



Pok Leh | Shutterstock

Fi kwistjonijiet bħaż-żwieġ fost il-Poplu tal-Ktieb, il-bżonn li jkun hemm *wali* (protettur) u l-permess għall-poligamija, hawn, fil-fatt, ġew ikkunsidrati s-sigurtà, id-dinjità u l-unur tan-nisa.

Alla Gglorifikat b'mod ġenerali għamel lin-nisa aktar delikati u li jimpressjonaw ruħhom malajr hija parti min-natura tagħhom. Għaldaqstant, billi mara Musulmana ma tistax tiżżewweġ raġel mill-Poplu tal-Ktieb, il-fidi tagħha tkun imħarsa. Fejn jidħlu l-kwistjonijiet matrimonjali barra r-rieda tax-xebba, tenħtieġ ukoll l-aċċettazzjoni tal-*wali*. Barra l-ħafna benefiċċji ta' dan, skop ieħor huwa li jiġi pprovdut ajjutant u protettur lill-mara ħalli wara ż-żwieġ tagħha, il-kunjati tagħha jaċċertaw ruħhom li mhijiex waħidha u li hemm xi ħadd li qed jipproteġi l-interessi tagħha.

Meta l-Iżlam jippermetti lin-nisa li jiżżewġu raġel wieħed biss f'ħin wieħed (*once at a time*), ikun qiegħed jippreserva l-qdusija tagħhom. L-Iżlam niżżel dan il-kmandament għax jaqbel eżatt man-natura umana u mal-għira protettiva (*ghairah*) li hija intrinsika għall-bniedem. (*Al Hakam*, 13 ta' Novembru 2020)

# IL-KMANDAMENT TAL-VELU

Is-sistema Iżlamika tal-velu ma titlobx li n-nisa jkunu maqfula qishom f'ħabs. Dak li jitlob il-Koran Imqaddes huwa li n-nisa għandhom jevitaw milli jesponu l-ġmiel tagħhom u m'għandhomx iħarsu lejn irġiel barranin (*strangers*). Dawk in-nisa li jkollhom joħorġu biex jaqdu dmirijiethom jistgħu jwettqu dan basta jipproteġu lilhom infushom mill-ħars tagħhom stess. (Malfużat, vol. 1, p. 430)

Il-Koran Imqaddes, li jagħti direzzjonijiet f'lokhom konsistenti max-xewqat naturali u d-dgħufijiet tal-irġiel, jadotta pożizzjoni eċċellenti f'dan ir-rigward:

> **"Għid lil dawk li jemmnu biex irażżnu l-ħars tagħhom u biex jipproteġu l-partijiet intimi tagħhom. Dan hu l-għemil li bis-saħħa tiegħu jiksbu s-safa..."**
> (Il-Koran, 24:31)

It-twissija fl-Iżlam li kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa għandhom irażżnu lilhom infushom f'ċerti affarijiet għandha l-għan li tipproteġihom milli jiżbaljaw; il-għaliex għall-bidu l-bnedmin jinġibdu lejn il-vizzji, u mal-inqas provokazzjoni, jaqgħu bħalma persuna mġewħa taqa' hekk kif tilmaħ l-ikel bnin. Huwa d-dmir ta' kulħadd li jipproteġi lilu nnifsu. (Malfużat, vol. 7, pp. 134-136)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**